# Briefing

Il-bini tal-Parlament Ewropew

Parlament Ewropew

# Il-Bini Eastman: teżor mill-wirt kulturali ta' Brussell għal Dar l-Istorja Ewropea


## Sommarju

Il-Bini Eastman, li jinsab fil-qalba tal-kwartier Léopold u qrib l-istituzzjonijiet Ewropej, jilqa' Dar l-Istorja Ewropea, li se tiftaħ fit-tieni nofs tas-sena 2016. L-għażla u r-rinnovazzjoni ta' din il-klinika dentali antika jippermettu l-valorizzazzjoni tal-istorja ta' dan il-bini li jikkostitwixxi parti importanti mill-wirt ta' Brussell u tal-Ewropa. Stabbilita minn George Eastman, il-fundatur tal-kumpanija Kodak, il-klinika dentali nbniet fl-1935 fil-Parc Léopold, post dedikat għall-attivitajiet xjentifiċi u ta' rikreazzjoni sa mit-tmiem is-seklu XIX. Suċċessivament, dan il-bini serva ta' klinika pubblika, post ta' edukazzjoni u dar tal-anzjani. Il-Parlament Ewropew kera l-bini mill-1985 bħala post għal dipartimenti amministrattivi, stamperija u crèche. Matul is-snin, dan il-bini ntuża ukoll għal korpi Ewropej oħra bħall-Ombudsman Ewropew u l-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Fl-2009, il-Parlament Ewropew iddeċieda li l-bini għandu jintuża, insegwitu ta' rinnovazzjoni estensiva u estensjoni, għal Dar l-Istorja Ewropea. Din għandha l-għan li tippreżenta l-istorja tal-Ewropa matul l-aħħar żewġ sekli permezz ta' mużeografija ferm moderna. B'hekk, il-bini Eastman se jkompli bir-rwol edukattiv u ospitanti tiegħu, għalkemm b'mod differenti.




Sors: Atelier d'architecture Chaix & Morel et Associés, Pariġi JSWD, Köln Image: © E.Young / AACMA - JSWD.

**Kontenut tal-Briefing:**


- George Eastman, Filantropu
- Parc Léopold u l-klinika dentali
- Il-klinika Eastman, post ta' xjenza u ta' solidarjetà
- Il-klinika u l-Parlament Ewropew
- L-istadji ta' trasformazzjoni
- Il-proġett ta' Dar l-Istorja Ewropea
- Referenzi prinċipali



EPRS | Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew

Awturi: Philippe Perchoc u Étienne Deschamps

**Servizz ta' Riċerka għall-Membri u Dar l-Istorja Ewropea**



Frar 2016

PE 577.957

MT

(or. FR)

## George Eastman, Filantropu

George Eastman twieled f'Waterville (l-Istat ta' New York, l-Istati Uniti) fl-1854. Huwa spiċċa orfni ta' età żgħira u beda jaħdem meta kellu 14-il sena fis-settur tal-assigurazzjoni u mbagħad fis-settur bankarju. Iżda kien meta ltaqa' mal-fotografija, għaxar snin wara, li huwa skopra l-vokazzjoni vera tiegħu. Huwa ħadem b'mod frenetiku fil-kċina ta' ommu sabiex jissimplifika l-użu tal-fotografija, billi żviluppa proċess bi platt niexef li huwa rreġistra bħala privattiva fl-1880. Erba' snin wara huwa rrivoluzzjona l-prattika tal-fotografija u witta t-triq għaċ-ċinema permezz tal-invenzjoni tal-film fuq ċellulojd. Huwa stabbilixxxa l-kumpanija Kodak fl-1888, li għamlitu sinjur ħafna.

George Eastman kien magħruf ukoll għall-ġenerożità kbira tiegħu. Fil-fatt huwa ta parti kbira tal-ġid tiegħu lill-karità, u ta wkoll terz tal-azzjonijiet fil-kumpanija tiegħu lill-impjegati tiegħu, u b'hekk witta t-triq għall-kunċett ta' ħaddiem azzjonist. Peress li kien ikkonċernat bin-nuqqas ta' attenzjoni u kura ġeneralment mogħtija għall-ħalq u s-snien fir-rigward tat-tfal żvantaġġjati, Eastman iffinanzja l-ħolqien tal-ewwel sptar dentali li ġie inawgurat fl-1917 f'Rochester (l-Istat ta' New York), il-post tal-ewwel fabbrika Kodak. Dan l-isptar kien joffri kura dentali bla ħlas lill-popolazzjoni, u George Eastman kompla l-ħidma tiegħu f'dan ir-rigward permezz tal-ħolqien ta' sptarijiet oħra tal-istess tip f'Londra, Ruma, Pariġi, Stokkolma u Brussell. Fl-1931, Eastman għamel donazzjoni ta' USD 1 miljun lill-Kummissjoni għall-Assistenza Pubblika tal-Belt ta' Brussell għall-kostruzzjoni ta' sptar dentali mudell maħsub sabiex jipprovdi kura mingħajr ħlas lil tfal foqra fil-belt kollha. Intgħażel terren ta' 2000 $m^2$ fit-tarf tal-Park Léopold, u l-ewwel ġebla tal-bini tqiegħdet fl-1934.

## Il-Park Léopold u l-klinika dentali

### Il-Park Léopold, post ta' xjenzi

Stabbilit f'dak li qabel kien il-wied ta' Maelbeek, għall-ħabta ta' nofs is-seklu XIX, il-Park Léopold inizjalment kien park ippjanat u msawwar bi stil Ingliż iddedikat għal attivitajiet ta' divertiment u dawk soċjali. B'mod partikolari, in-nies kienu jmorru biex jaraw l-istrutturi u l-attrazzjonijiet tas-Société royale de zoologie, d'horticulture et d'agrément (Soċjetà rjali taż-żooloġija, tal-ortikultura u tar-rekreazzjoni). Iżda kien fil-bidu tas-seklu XX li l-industrijali Belġjan Ernest Solvay ippropona li tinħoloq Belt tax-Xjenza. Dan tal-aħħar kien, fil-fatt, ferm interessat fix-xjenza u kien jorganizza laqgħat regolari bejn l-ikbar xjentisti fi żmienu bħal Marie Curie, Henri Poincaré, Albert Einstein u Paul Langevin. Bl-appoġġ tal-Belt ta' Brussell u benefatturi privati, ġew stabbiliti malajr ħames istituti fil-park: l-Istituti tal-Fiżjoloġija, tal-Iġjene, tal-Anatomija, tas-Soċjoloġija, kif ukoll Skola tal-Kummerċ. Fis-snin għoxrin, dawn l-Istituti ġew trasferiti wieħed wara l-ieħor għall-kampus il-ġdid tal-Università Libre ta' Brussell. L-Istitut Dentali George Eastman fetaħ il-bibien tiegħu fl-1935 wara l-inawgurazzjoni tiegħu fil-preżenza tar-Re Léopold III u r-Reġina Astrid, xahar qabel il-mewt aċċidentali tagħha. Fl-1955, il-lycée Émile Jacqmain ġie stabbilit fil-bini fejn qabel kien hemm l-Istitut tal-Fiżjoloġija.

**Michel Polak (1885-1948)**

Michel Polak kien perit Svizzeru li twieled fil-Messiku u li fil-biċċa l-kbira eżerċita l-professjoni tiegħu fil-Belġju wara l-istudji tiegħu fi Zurich u f'Pariġi. Huwa ddisinja ċertu numru ta' bini importanti fil-belt ta' Brussell, ħafna drabi bi stil Art Deco, bħal lukandi kbar jew djar privati, pereżempju Villa Empain. Attwalment fi tnejn mill-binjiet tiegħu jinstabu "Istituzzjonijiet" Ewropej, ir-Résidence Palace (il-Kunsill Ewropew) u l-Bini Eastman (Dar l-Istorja Ewropea).

**Il-kostruzzjoni tal-klinika dentali**

Ispirata mill-pjanti tal-klinika ta' Rochester, il-kostruzzjoni tal-Istitut Eastman ingħatat speċifikament lill-perit Michel Polak li, għat-twettiq tax-xogħlijiet u d-dekorazzjoni interna, irrikorra għal impriżi lokali magħrufa. Miksi b'ġebel abjad, il-bini huwa kompost minn blokk ċentrali ta' 15 x 31.4 metri u żewġ blokkijiet laterali li jisporġu mix-xellug u mil-lemin ta' dan il-blokk ċentrali u kull blokk huwa ta' 11,4 x35.4 metru. Taraġ imponenti magħmul minn ġebel blu kien iwassal għal entrata kbira mżejna bi skulturi u b'bieb imponenti b'panew dekorattiv tal-ħadid maħdum. Fl-istil tas-snin tletin, il-karpenterija interna ġiet maħduma mill-injam prezzjuż tal-Kongo. Fil-blokkijiet laterali kien hemm klassi, mużew żgħir tal-ortodonzja, librerija, vestjarju u faċilitajiet sanitarji. Fl-ewwel sular kien hemm sala tal-X-ray, swali tal-operazzjonijiet, tal-anestesija u tal-estrazzjoni, dormitorji għall-bniet u għas-subien u laboratorji. Fl-ewwel sular tal-blokk ċentrali u fi tliet ringieli, kien hemm 26 siġġu modern tad-dentistrija f'kamra kbira mdawwla minn twieqi wiesgħa b'ċaċċiż tal-metall.

**Ritratt 1 — Kostruzzjoni tal-Istitut Eastman, 1934.**



© University of Rochester Medical Center, Eastman Institute for Oral Health

## Il-klinika Eastman, post ta' xjenza u ta' solidarjetà

Frott ta' filosofija iġjenista, il-klinika kienet mgħammra b'apparat mediku li għal dik l-epoka kien meqjus bħala l-aktar modern, iżda kienet singulari wkoll minħabba l-attenzjoni li kienet tingħata lill-pazjenti zgħar tagħha. Konvint li klinika kellha tkun kemm jista' jkun attraenti mingħajr ma tfakkar lit-tfal fin-natura ta' sptar tal-istabbiliment, Polak għamel mezz li ma jużax il-kulur abjad u minflok uża kuluri varji, kemm għall-ħitan kif ukoll għall-art. Is-sala għall-istennija kienet tinkludi affreski tal-pittur Belġjan Camille Barthélémy li kienu jirrappreżentaw ċerti xeni mill-ħrejjef l-iktar magħrufa ta' La Fontaine. Fiċ-ċentru tal-kamra kien hemm gaġġa kbira tal-bronż li fiha kien hemm għasafar eżotiċi intiżi biex jaljenaw it-tfal qabel l-appuntament tagħhom. Matul il-perjodu tal-operat tiegħu, l-Istitut Eastman kien jipprovdi kura lil madwar 150 tifel u tifla kuljum u kien jikkostitwixxi wkoll post edukattiv għall-istudenti fid-dentistrija, kif ukoll post għal-laqgħat xjentifiċi, permezz ta' sala tal-konferenzi li setgħet tesa' aktar minn 150 persuni bilqiegħda.

## Il-klinika u l-Parlament Ewropew

Mill-1955, il-bini beda jintuża fl-istess ħin bħala dar tal-anzjani, ir-residenza Eastman. Iżda wara aktar minn 50 snin ta' servizz dentali, is-Centre Public D'Aide Sociale (CPAS - Iċ-Ċentru Pubbliku għall-Assistenza Soċjali) fi Brussell iddeċieda li jtemm l-attivitajiet mediċi u jagħlaq id-dar tal-anzjani u ħa l-bini fil-pussess tiegħu. Peress li mill-1970, il-Parlament Ewropew kien jokkupa l-bini imprattiku ta' Boulevard de l'Empereur, dan iddeċieda, fid-dawl tal-espansjoni fi Brussell tal-attivitajiet tal-gruppi politiċi u tal-kumitati tiegħu, li jibni bini f'rue Belliard, mikri mill-Gvern Belġjan u ssullokat mill-Parlament. Il-Bini Eastman jinsab viċin ħafna rue Belliard[1]. Fl-1985 il-Bini Eastman inkera lill-Parlament Ewropew mis-CPAS, kera mġedda diversi drabi qabel ix-xiri finali tal-bini fl-2008 permezz ta' kuntratt ta' enfitewsi ta' 99 sena.

**Ritratt 2 — Is-sala għall-istennija tal-Istitut Eastman, u l-gaġġa kbira għall-għasafar, 1935.**



Sors: Archives d'Architecture Moderne, Bruxelles

L-1985 hija data importanti fl-istorja tal-istituzzjoni, peress li fiha l-Parlament iddeċieda, permezz ta' riżoluzzjoni, li jiżviluppa l-istruttura tiegħu fi Brussell kif ukoll li jibni Emiċiklu ta' mill-inqas 600 post[2]. Fid-dawl tan-nuqqas mill-Istati Membri li jiddeċiedu dwar sede waħda għall-istituzzjonijiet Ewropej, deċiżjoni li l-Parlament kien ilu jitlob, dan iddeċieda li juża l-ftit marġni ta' manuvra tiegħu fis-sens tat-Trattati biex jorganizza mill-ġdid ix-xogħol tiegħu. L-Att Uniku, li kien qed jitħejja dak iż-żmien, kien intiż li jsaħħaħ ir-rwol tiegħu, u, f'dan il-kuntest, il-Parlament organizza għat-tieni darba sessjoni plenarja fi Brussell fl-1983 fil-Palais des Congrès, rue Ravenstein. Din is-seduta kienet madankollu kkaratterizzata minn diffikultajiet tekniċi u rriżulta ċar li l-Parlament kellu bżonn infrastruttura għalih[3], aktar adatta għax-xogħol tiegħu u għat-tkabbir fil-futur (Spanja u l-Portugall fl-1986).

Fl-1986, 11 % biss tal-persunal tal-Parlament kien jaħdem fi Brussell, u minn rendikont fl-1983, irriżulta li kienu jintużaw 413-il uffiċċju f'rue Belliard u 80 uffiċċju f'rue Remorqueur. Iżda l-uffiċjali tal-Parlament kellhom bżonn aktar spazju u sakemm ma nbnew l-infrastrutturi l-ġodda, il-kiri tal-Bini Eastman kien jagħmel sens. Mill-1985, l-Istitut Eastman ospita diversi konferenzi, iżda kien mgħammar ukoll b'kafetterija, stamperija u kmamar tal-laqgħat qabel ma dawn bdew jintużaw fl-1993 bħala crèche għat-tfal tal-persunal tal-Parliament, b'madwar 220 post. Sussegwentement, il-bini ospita diversi assoċjazzjonijiet Ewropej bħal Femmes d'Europe, il-Fondation Pégase jew il-Chœurs des Communautés européennes. Matul is-snin, xi uffiċċji ntużaw minn ċerti dipartimenti tal-Ombudsman Ewropew u dawk tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri.

Il-Park Léopold flimkien ma' ħafna bini tiegħu bħall-Istitut Pasteur u l-Bibljoteka Solvay ġew parzjalment skedati fl-1976. Il-Bini Eastman, min-naħa tiegħu, ma ġiex skekat, iżda l-faċċati tal-bini li jagħtu għall-Park Léopold jagħmlu madankollu parti mis-sit skedat. Din is-sitwazzjoni ppermettiet aċċess aktar faċli għar-rinnovazzjoni u l-valorizzazzjoni għall-finijiet kulturali f'kuntest aktar wiesa' tar-riġenerazzjoni tal-Parc Léopold. Fis-17 ta' Ġunju 2009, il-Bureau tal-Parlament Ewropew approva l-proposta li l-Bini Eastman jintuża għal Dar l-Istorja Ewropea.

## L-istadji ta' trasformazzjoni

F'Lulju 2009, il-Parlament Ewropew nieda kompetizzjoni internazzjonali fi tliet stadji. Tul il-kompetizzjoni, ingħatat attenzjoni partikolari lil elementi bħad-disinn mużeografiku tal-proġett, l-aċċessibbiltà għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, l-analiżi tal-ħtiġijiet u l-valutazzjoni tal-ispejjeż operattivi u wkoll l-impatt tal-bini fuq l-ambjent u l-prestazzjoni tal-enerġija tiegħu. L-aħħar stadju tal-kompetizzjoni spiċċa fil-bidu tas-sena 2011, permezz tal-għażla tal-konsorzju rebbieħ, Atelier d'Architecture Chaix & Morel et Associés (Franza), JSWD Architekten (il-Ġermanja) u TPF Engineering (il-Belġju). Il-proġett kien jipprevedi b'mod partikolari l-bini ta' estensjoni kontemporanja, kif ukoll ir-restawr tal-faċċati oriġinali u ta' ċerti swali sabiex l-estetika storika tal-post tinżamm. Biex ikun hemm post għall-programm sħiħ, kien meħtieġ li l-erja tal-bini eżistenti tiġi rdoppjata: il-proġett jestendi għall-bitħa ta' wara u fuq il-bejt tal-bini. Din l-estensjoni ta' tliet sulari għall-quċċata tal-bini madankollu tirrispetta u ssaħħaħ il-prinċipju tal-kompożizzjoni tal-bini oriġinali, jiġifieri ta' binja ċentrali predominanti u simmetrija tal-assi tiegħu. Il-ħitan ta' din l-estensjoni fuq il-bejt, magħmula minn ħġieġ stampat, jippermettu li tingħata ħarsa lejn x'hemm ġewwa: priżmi opaki qishom sospiżi f'din il-kaxxa trasparenti.

**Ritratt 3 — Proġett ta' Dar l-Istorja Ewropea. Elevazzjoni mill-ġenb**



Sors: Atelier d'architecture Chaix & Morel et Associés, Pariġi JSWD, Köln Immaġni: © E.Young / AACMA - JSWD.

Fl-2012, l-ispiża tax-xogħlijiet ta' estensjoni u ta' restawr tal-bini kienet stmata EUR 31 miljun u l-ispiża tal-wirja – li tinkludi ammont kbir iddedikat għall-multilingwiżmu – EUR 21.4 miljun. Matul il-kompetizzjoni ta' disinn arkitettoniku, il-proġett qajjem dibattitu intens dwar ir-rilevanza u l-integrazzjoni tiegħu fl-ambjent tal-arkitettura ta' Brussell. Dejjem kien hemm dibattiti simili matul il-kostruzzjoni ta' mużewijiet kbar f'dawn l-aħħar snin, u dan huwa leġittimu. Il-Parlament iffaċilita dak id-dibattitu billi fl-2012 organizza wirja tal-proġetti proposti mill-kandidati u tal-proġett finali magħżul. Barra minn hekk, huwa organizza diversi laqgħat mal-assoċjazzjonijiet ta' residenti.

## Il-proġett ta' Dar l-Istorja Ewropea

L-idea li jinfetaħ mużew dwar l-Ewropa mhijiex ġdida. Diġà fis-snin disgħin, il-Kummissjoni Ewropea ħasbet li tiftaħ Swali Ewropej f'diversi mużewijiet Ewropej ewlenin[4]. Fl-1997, ġie mniedi wkoll proġett privat Musée de l'Europe fi Brussell, li wassal għall-organizzazzjoni ta' żewġ wirjiet bid-disinni preliminari u wirja itineranti.

Diversi pajjiżi Ewropej kienu wkoll ikkunsidraw il-ħolqien ta' mużew nazzjonali kbir. Dan kien suċċess fil-Ġermanja, bil-*Haus der Geschichte* f'Bonn. Min-naħa l-oħra, il-proġett ta' *Nationaal Historisch Museum* imniedi mill-Parlament Olandiż fl-2006 ġie abbandunat fl-2010, filwaqt li l-proġett ta' *Maison de l'histoire de France* mixtieq mill-President Nicolas Sarkozy u mbagħad abbandunat minħabba l-ispiża (EUR 80 miljun) iżda wkoll minħabba l-kritika għall-kitba ta' narrazzjoni nazzjonali. Għall-kuntrarju, fl-Istati Uniti wara tmiem il-Gwerra Bierda, f'Washington bdew jiżdiedu mużewijiet li jevitaw l-idea ta' narrazzjoni nazzjonali globali (*United States Holocaust Memorial Museum, National Museum of the American Indian*).

F'dan il-kuntest, il-proġett ta' Dar l-Istorja Ewropea, uffiċjalment imniedi fi Frar 2007 minn Hans-Gert Pöttering fid-diskors inawgurali wara l-elezzjoni tiegħu bħala President tal-Parlament Ewropew, deher ambizzjuż. F'Diċembru 2007, ġie stabbilit kumitat ta' esperti, magħmul minn 9 storiċi jew speċjalisti ta' mużewijiet minn madwar l-Ewropa kollha[5]. Dan ippropona kunċett għal Dar l-Istorja Ewropea f'Settembru 2008[6]. Ġie deċiż li Dar l-Istorja Ewropea se jkollha bħala l-ewwel vokazzjoni tagħha li tippremetti lill-persuni l-aktar diversi u minn kwalunkwe ambjent jifhmu aħjar l-istorja reċenti tal-kontinent billi titqiegħed fil-kuntest tas-sekli preċedenti, li sawru l-ideat u l-valuri permezz ta' proċessi kultant twal u diffiċli. Il-Mużew irid jagħti wkoll liċ-ċittadini l-mezzi sabiex jirriflettu b'mod kritiku fuq l-istorja tal-integrazzjoni Ewropea, il-forzi li jixprunawha, il-potenzjal tagħha u l-isfidi tagħha[7]. B'hekk, Dar l-Istorja Ewropea kienet maħsuba bħala post ta' tagħlim informali, kuntest li joffri lill-viżitaturi l-opportunità li jiksbu għarfien permezz tal-esperjenza tagħhom fil-mużew. Maħsuba bħala post li jiffavorixxi l-immersjoni, Dar l-Istorja Ewropea trid li tqanqal fil-viżitaturi x-xewqa li jkunu jafu dwar l-istorja ppreżentata bħala tagħhom, u li tqajmilhom il-kurżità dwar l-iżviluppi attwali fl-Ewropa. Bil-preżentazzjoni tal-istorja tal-integrazzjoni Ewropea fil-kuntest usa' tal-istorja Ewropea tas-sekli XX u XXI, Dar l-Istorja Ewropea għandha tikkomplementa b'hekk il-*Parlamentarium*

**Ritratt 4 – Proġett ta' Dar l-Istorja Ewropea - l-intern**



Sors: Atelier d'architecture Chaix & Morel et Associés, Pariġi JSWD, Köln
Image: © E.Young / AACMA - JSWD.

inawgurat fl-2011, li jiffoka fuq l-istorja tal-integrazzjoni Ewropea u l-funzjonament tal-Parlament Ewropew. Il-viżitaturi tal-kwartier Ewropew se jkunu jistgħu jżuru ż-żewġ binjiet, kif ukoll postijiet oħra ta' interess, bħalma huma l-Emiċiklu, l-Esplanade u l-Entratura Protokollari, li ser jippermettulhom jiksbu stampa globali tal-funzjonament tal-Parlament Ewropew, flimkien, bħala sfond, mal-istorja tal-Ewropa.

Il-qofol ta' Dar tal-Istorja Ewropea se jkun jikkonsisti f'wirja permanenti li tittraċċa, sa żminijietna, l-iżviluppi ewlenin mis-seklu XIX u l-katakliżmi tal-Ewwel u t-Tieni Gwerer Dinjija għall-bidu tal-Gwerra Bierda, il-waqgħa tal-purtiera tal-ħadid u l-ħajt ta' Berlin u l-approfondiment tal-integrazzjoni Ewropea, b'partijiet qosra ddedikati għall-oriġini tal-kontinent, il-Medjuevu u ż-żminijiet moderni.

Id-diversi stadji tal-mużew isegwu logika kronoloġika u tematika. Matul il-perkors tagħha, il-wirja prinċipali toffri perspettivi multipli bi studji ta' każijiet, u b'hekk tqanqal lill-viżitatur biex jaħseb dwarhom. B'saqaf "miftuħ" għas-sema, is-sular ta' fuq nett huwa intiż sabiex juri l-possibbiltajiet infiniti tal-futur Ewropew. Se jkun hemm ukoll żona fejn il-viżitaturi jkunu jistgħu jistrieħu u jirriflettu fuq l-impressjonijiet tagħhom. Għal dan l-għan, Dar l-Istorja Ewropea tispira ruħha mill-metodi tal-mużewijiet kontemporanji sabiex tqanqal esperjenzi li jistimulaw is-sensi kollha, permezz tal-użu ta' oġġetti, ta' elementi viżwali u awdioviżwali u ta' testi spjegattivi disponibbli fl-erbgħa u għoxrin lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Barra l-wirja permanenti, se jiġu organizzati attivitajiet oħra bħal wirjiet temporanji u itineranti, iżda wkoll firxa wiesgħa ta' avvenimenti u pubblikazzjonijiet. Barra minn hekk, wieħed mill-għanijiet li l-mużew stabbilixxa bħala l-għan kien li jipproponi, minbarra l-wirjiet u ż-żjarat bil-gwida tiegħu, programm pedagoġiku li jistieden lill-viżitatur jirrifletti dwar l-approċċ tiegħu għall-istorja Ewropea u dwar il-wirt li din ħalliet għad-dinja kontemporanja.

Il-ftuħ ta' Dar l-Istorja Ewropea f'Novembru 2016 se jagħti dimensjoni ġdida għaż-żjarat lill-Parlament Ewropew u għandu jwassal ukoll għal madwar 350 000 viżitatur addizzjonali fis-sena. Għalhekk nistgħu ngħidu li l-Bini Eastman żamm matul l-istorja twila tiegħu l-karattru innovattiv f'termini ta' tagħmir u l-vokazzjoni tiegħu għax-xjenza u f'termini ta' ftuħ għall-pubbliku. F'dan is-sens, ċertament mhijiex eżaġerazzjoni l-affermazzjoni li l-ħolqien ta' Dar l-Istorja Ewropea jikkostitwixxi ritorn għall-oriġini għall-Park Leopold.

## Referenzi prinċipali

*Construire une Maison de l'histoire européenne. Un projet du Parlement européen*, Lussemburgu, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2013, 49 p.

S. Clark u J. Priestley, *Europe's Parliament, People, Places, Politics*, Londra, John Harper Publishing, 2012.

T. Demey, *Bruxelles, chronique d'une capitale en chantier*, Volum 2: *De l'Expo 58 au siège de la CEE*, Brussell, Paul Legrain, 1992.

C. Mazé, *La fabrique de l'identité européenne, dans les coulisses des musées de l'Europe*, Pariġi, Belin, 2014.

## Noti

[1] Il-Qorti tal-Awdituri, Rapport Speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-politika dwar il-bini tal-Istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej, ĠU Nru C221/1, 3 ta' Settembru 1979.

[2] Parlament Ewropew, Riżoluzzjoni dwar "L-infrastruttura meħtieġa għall-organizzazzjoni ta' laqgħat fi Brussell", 24 ta' Ottubru 1985, dok. B2–1120/85.

[3] B'mod partikolari, is-sala ma kinitx mgħammra b'sistema ta' votazzjoni elettronika jew b'sistema biex jingħaddu l-voti b'sejħa tal-ismijiet. Agence Europe, 28 ta' April 1983.

[4] Véronique Charléty, "L'invention du Musée de l'Europe, contribution à l'analyse des politiques symboliques européennes", *Regards sociologiques*, 27-28, 2004.

[5] Camille Mazé, *La fabrique de l'identité européenne, dans les coulisses des musées de l'Europe*, Pariġi, Belin, 2014.

[6] Kumitat ta' esperti, *Linji gwida għal Dar l-Istorja Ewropea, il-Parlament Ewropew*, Parlament Ewropew, Ottubru 2008.

[7] Taja Vovk van Gaal u Christine Dupont, "The House of European History", *Entering the minefields: the creation of new history museums*, conference proceedings from EuNAMus, 2012.

## Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà u d-drittijiet tal-awtur:

L-awtur biss huwa responsabbli għall-kontenut ta' dan id-dokument u kwalunkwe opinjoni espressa fih mhux bilfors tirrifletti l-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew. Dan id-dokument huwa maħsub għall-Membri u l-persunal tal-PE fil-kuntest tal-ħidma parlamentari tagħhom. Ir-riproduzzjoni u t-traduzzjoni għal finijiet mhux kummerċjali huma awtorizzati, bil-kundizzjoni li jiġi rikonoxxut is-sors u li l-Parlament Ewropew jiġi avżat minn qabel u tintbagħatlu kopja.

© L-Unjoni Ewropea, 2016.

eprs@ep.europa.eu
http://www.eprs.ep.parl.union.eu (intranet)
http://www.europarl.europa.eu/thinktank (internet)
http://epthinktank.eu (blog)